



Dokument ta' sessjoni

B9-0412/2021

6.7.2021

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI

imressqa wara d-dikjarazzjonijiet tal-Kunsill u tal-Kummissjoni

skont l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura

dwar ksur tal-liġi tal-UE u tad-drittijiet taċ-ċittadini LGBTIQ fl-Ungerija
b'riżultat tal-bidliet legali adottati mill-Parlament Ungeriż
(2021/2780(RSP))

Isabel Wiseler-Lima, Jeroen Lenaers

f'isem il-Grupp PPE

Iratxe García Pérez, Simona Bonafè, Cyrus Engerer, Juan Fernando López Aguilar, Katarina Barley, Marc Angel

f'isem il-Grupp S&D

Liesje Schreinemacher, Anna Júlia Donáth, Katalin Cseh, Moritz Körner, Sophia in 't Veld, Ramona Strugariu, Michal Šimečka, Pierre Karleskind

f'isem il-Grupp Renew

Terry Reintke, Gwendoline Delbos-Corfield, Alexandra Geese, Rosa D'Amato, Rasmus Andresen, Yannick Jadot, Erik Marquardt, Sylwia Spurek, Alice Kuhnke, Saskia Bricmont, Hannah Neumann, Ernest Urtasun, Monika Vana, Eleonora Evi, Katrin Langensiepen, Piernicola Pedicini, Jutta Paulus, Anna Cavazzini, Tineke Strik, Daniel Freund, Sergey Lagodinsky

f'isem il-Grupp Verts/ALE

Malin Björk

f'isem il-Grupp the Left

B9-0412/2021

Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar ksur tal-liġi tal-UE u tad-drittijiet taċ-ċittadini LGBTIQ fl-Ungerija b'riżultat tal-bidliet legali adottati mill-Parlament Ungeriż (2021/2780(RSP))

Il-Parlament Ewropew,

- wara li kkunsidra l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea (minn hawn 'il quddiem il-"Karta"),
- wara li kkunsidra l-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE),
- wara li kkunsidra l-Konvenzjoni Ewropea dwar id-Drittijiet tal-Bniedem u l-ġurisprudenza relatata tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (QEDB),
- wara li kkunsidra d-Dikjarazzjoni Universali tad-Drittijiet tal-Bniedem,
- wara li kkunsidra l-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea (QĠUE) u tal-QEDB,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-12 ta' Novembru 2020 bit-titolu "Unjoni ta' Ugwaljanza: Strateġija dwar l-Ugwaljanza tal-LGBTIQ 2020-2025" (COM(2020)0698),
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-24 ta' Marzu 2021 bit-titlu "Strateġija tal-UE dwar id-drittijiet tat-tfal (2020-2025)" (COM(2021)0142),
- wara li kkunsidra r-riżultati tal-Istħarriġ dwar l-LGBT fl-UE li tnieda mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali (FRA) fl-2019,
- wara li kkunsidra r-Regolament (UE, Euratom) 2020/2092 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2020 dwar reġim ġenerali ta' kondizzjonalità għall-protezzjoni tal-baġit tal-Unjoni¹ (ir-"Regolament dwar il-Kondizzjonalità tal-Istat tad-Dritt"),
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-12 ta' Settembru 2018 dwar proposta li titlob lill-Kunsill jiddetermina, skont l-Artikolu 7(1) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, l-eżistenza ta' riskju ċar ta' ksur serju mill-Ungerija tal-valuri li fuqhom hija bbażata l-Unjoni²,
- wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tat-18 ta' Diċembru 2019 dwar id-diskriminazzjoni pubblika u d-diskors ta' mibegħda kontra persuni LGBTI, inklużi żoni mingħajr LGBTI³,

¹ ĠU L 433 I, 22.12.2020, p. 1.

² ĠU C 433, 23.12.2019, p. 66.

³ ĠU C 255, 29.6.2021, p. 7.

- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tas-16 ta' Jannar 2020 dwar is-seduti ta' smiġh li għaddejjin bħalissa skont l-Artikolu 7(1) tat-TUE fir-rigward tal-Polonja u l-Ungerija⁴,
- wara li kkunsidra d-deċiżjoni tal-QĠUE tat-3 ta' Ġunju 2021 fil-Kawża C-650/18 li tiċħad l-azzjoni tal-Ungerija kontra r-risoluzzjoni tal-Parlament tat-12 ta' Settembru 2018 li tiskatta l-proċedura għad-determinazzjoni tal-eżistenza ta' riskju ċar ta' ksar serju minn Stat Membru tal-valuri li fuqhom hija bbażata l-Unjoni Ewropea⁵,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tas-7 ta' Ottubru 2020 dwar l-istabbiliment ta' Mekkaniżmu tal-UE għad-Demokrazija, l-Istat tad-Dritt u d-Drittijiet Fundamentali⁶,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Marzu 2021 dwar il-proklamazzjoni tal-UE bħala Żona ta' Libertà LGBTIQ⁷,
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' Ġunju 2021 dwar is-sitwazzjoni tas-saħħa sesswali u riproduttiva u d-drittijiet relatati fl-UE, fil-kuntest tas-saħħa tan-nisa⁸,
- wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Settembru 2020 dwar ir-Rapport tal-2020 bit-titlu "L-Istat tad-Dritt – Is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt fl-Unjoni Ewropea" (COM(2020)0580),
- wara li kkunsidra r-risoluzzjoni tiegħu tal-24 ta' Ġunju 2021 dwar ir-Rapport tal-2020 tal-Kummissjoni dwar l-Istat tad-Dritt⁹,
- wara li kkunsidra l-Att Ungeriż LXXIX tal-2021 dwar "It-teħid ta' azzjoni aktar severa kontra t-trasgressuri pedofili u l-emendar ta' ċerti atti għall-protezzjoni tat-tfal" (l-"Abbozz" u, wara l-promulgazzjoni, il-"Liġi")
- wara li kkunsidra l-investigazzjoni mnedija mill-Kummissarju Ewropew għall-Ugwaljanza fis-16 ta' Ġunju dwar il-konformità tal-Liġi Ungeriża mal-liġi Ewropea,
- wara li kkunsidra l-ittra indirizzata mill-Kummissarju għall-Ġustizzja u mill-Kummissarju għas-suq Intern lill-Ministru tal-Ġustizzja Ungeriż (Ares S(2021) 4587976), dwar in-nuqqas ta' konformità tal-abbozz ta' liġi ma' diversi dispożizzjonijiet legali Ewropej, inkluż l-Artikolu 2 tat-TUE dwar ir-rispett tad-drittijiet tal-bniedem, il-libertà u n-nondiskriminazzjoni,
- wara li kkunsidra l-ittra ta' 17-il kap ta' Stat jew gvern matul il-laqgħa tal-Kunsill Ewropew ta' Ġunju 2021 li wiegħdet li "tkompli tiġġieled kontra d-diskriminazzjoni fil-konfront tal-komunità LGBTI,"¹⁰

⁴ Testi adottati, P9_TA(2020)0014.

⁵ Is-sentenza tat-3 ta' Ġunju 2021, L-Ungerija vs Il-Parlament, C-650/18, ECLI:EU:C:2021:426.

⁶ Testi adottati, P9_TA(2020)0251.

⁷ Testi adottati, P9_TA(2021)0089.

⁸ Testi adottati, P9_TA(2021)0314.

⁹ Testi adottati, P9_TA(2021)0313.

¹⁰ <https://twitter.com/alexanderdecroo/status/1407977290189971457/photo/1>

- wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni fil-marġini tal-laqgħa tal-Kunsill Affarijiet Ġenerali tat-22 ta' Ġunju 2021, iffirmata b'mod konġunt minn 18-il Stat Membru, rigward l-adozzjoni tal-Abbozz ta' Liġi Ungeriz¹¹,
 - wara li kkunsidra r-Rakkomandazzjoni CM/Rec(2010)5 tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa lill-Istati membri dwar il-miżuri intiżi sabiex jiġġieldu d-diskriminazzjoni bbażata fuq l-orjentament sesswali jew l-identità tal-ġeneru, u l-istandards adottati mill-Assemblea Parlamentari tal-Kunsill tal-Ewropa,
 - wara li kkunsidra d-dikjarazzjoni tal-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa dwar l-Abbozz ta' Liġi¹²,
 - wara li kkunsidra s-sentenza tal-QEDB tal-20 ta' Ġunju 2017, fil-Kawża Bayev *et vs* Ir-Russja (rikorsi Nri 67667/09 u 2 oħrajn)¹³,
 - wara li kkunsidra l-Mistoqsija lill-Kummissjoni għal Tweġiba Orali dwar sur tal-liġi tal-UE u tad-drittijiet taċ-ċittadini LGBTIQ fl-Ungerija b'risultat tal-bidliet legali adottati fil-Parlament Ungeriż (O-000050/2021),
 - wara li kkunsidra l-Artikolu 132(2) tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,
- A. billi l-Assemblea Nazzjonali Ungeriża adottat fil-15 ta' Ġunju 2021 Abbozz ta' Liġi li, fl-orijini tiegħu, huwa maħsub biex jipproteġi lit-tfal minn trasgressuri pedofili, objettiv li huwa kondiviż u segwit mill-istituzzjonijiet u l-Istati Membri kollha fl-Unjoni; billi l-Abbozz ġie ppromulgat fit-23 ta' Ġunju 2021 u se jidħol fis-seħħ fit-8 ta' Lulju 2021¹⁴; billi l-Liġi se tillimita b'mod sever u intenzjonat id-drittijiet u l-libertajiet tal-persuni LGBTIQ, kif ukoll id-drittijiet tat-tfal;
- B. billi dan l-aħħar l-Ungerija għamlet għadd ta' dikjarazzjonijiet fil-Kunsill, fejn interpretat il-kunċett ta' "ġeneru" f'ċerti testijiet bħala referenza għas-sess u b'hekk ċaħdet l-eżistenza tal-ġeneru, b'mod partikolari fir-rigward tal-Kunċett ta' Maniġġar ta' Kriżi (CMC) għal possibbiltà ta' missjoni militari tal-UE mhux eżekuttiva fil-Mozambique fl-ambitu tal-politika ta' sigurtà u ta' difiża komuni (PSDK) , ir-Regolament dwar il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta, ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni u f'okkażjonijiet oħra;
- C. billi d-definizzjonijiet tal-Liġi huma deliberatament vagi bil-għan li jikkawżaw effett dissważiv; billi l-Liġi tipprojbixxi r-"rappreżentazzjoni u l-promozzjoni tal-identità tal-ġeneru differenti mis-sess assenjat fit-twelid, il-bidla tas-sess u tal-omosesswalità" fl-iskejjel, fi programmi televiżivi u freklamar disponibbli għall-pubbliku fi kwalunkwe pjattaforma għal persuni taħt it-18-il sena anke għal skopijiet edukattivi; billi l-Liġi tiskwalifika tali kontenut milli jitqies bħala avviż ta' servizz pubbliku jew reklamar ta'

¹¹ <https://wilmes.belgium.be/en/thirteen-countries-unite-belgiums-initiative-defend-lgbtq-rights-europe>

¹² <https://www.coe.int/en/web/commissioner/-/commissioner-mijatovic-urges-hungary-s-parliamentarians-to-reject-draft-amendments-banning-discussion-about-sexual-and-gender-identity-and-diversity?inheritRedirect=true&redirect=%2Fen%2Fweb%2Fcommissioner%2Fthematic-work%2F-lgbti>

¹³ <http://hudoc.echr.coe.int/eng?i=001-174422>

¹⁴ Il-Liġi ppubblikata fil-Gazzetta: <https://njt.hu/jogszabaly/2021-79-00-00;>

<https://magyarkozlony.hu/dokumentumok/ba643dee7b59c2a1901132e6e3320483d2245b56/megtekintes>

responsabbiltà soċjali anki jekk ikun maħsub għall-adulti; billi l-Liġi tintroduċi emendi għall-Att dwar il-Protezzjoni tat-Tfal, l-Att dwar il-Protezzjoni tal-Familja, l-Att dwar l-Attività tar-Reklamar Kummerċjali, l-Att dwar il-Media u l-Att dwar l-Edukazzjoni Pubblika;

- D. billi fl-2018, il-President Pollakk Andrzej Duda ddikjara li se jikkunsidra li joħroġ l-hekk imsejħa liġi dwar il-"propaganda omosesswali", kif adottata fir-Russja, li tipprojbixxi l-media u l-letteratura, u laqgħat tal-massa LGBTIQ bħall-Pride; billi f'Ġunju tal-2021, il-Viċi Ministru tal-Ġustizzja Michal Vos ħabbar li l-Polonja bħalissa qed taħdem fuq abbozz ta' liġi li għandu l-għan li jipprojbixxi l-"propaganda LGBT";
- E. billi f'Ġunju 2021, il-President tar-Repubblika Ċeka Milos Zeman għamel kummenti degradanti dwar il-komunità transġeneru f'intervista tal-media relatata mal-liġi l-ġdida kontra l-LGBTIQ fl-Ungerija;
- F. billi fl-2013 ir-Russja introduċiet liġi federali "bl-għan li tipproteġi lit-tfal minn informazzjoni li tippromwovi ċ-ċaħda ta' valuri tradizzjonali tal-familja" li kellha l-għan li tipprojbixxi n-normalizzazzjoni tal-omosesswalità fil-media; billi bosta organizzazzjonijiet tad-drittijiet tal-bniedem madwar id-dinja ddikjaraw li l-liġi Russa tipperikola liż-żgħażaġh LGBTIQ;
- G. billi, skont l-Artikolu 2 tat-TUE, "l-Unjoni hija bbażata fuq il-valuri tar-rispett għad-dinjità tal-bniedem, il-libertà, id-demokrazija, l-ugwaljanza, l-istat tad-dritt u r-rispett għad-drittijiet tal-bniedem, inklużi d-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi";
- H. billi l-istrateġija tal-Kummissjoni għall-ugwaljanza tal-LGBTIQ tistabbilixxi d-direzzjoni komuni tal-Unjoni fil-protezzjoni tad-drittijiet tal-persuni LGBTIQ fl-Istati Membri kollha, u ttenni li l-ugwaljanza u n-nondiskriminazzjoni huma valuri ewlenin u drittijiet fundamentali fl-UE, minquxa fit-Trattati tagħha u fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali;
- I. billi l-President tal-Kummissjoni Ursula von der Leyen ddeskriviet l-Abbozz ta' Liġi bħala "tal-mistħija" u tat istruzzjonijiet lill-Kummissarji responsabbli biex jindirizzaw lill-gvern Ungeriz¹⁵; billi l-Kummissarju għall-Ġustizzja u l-Kummissarju għas-Suq Intern bagħtu ittra lill-Ministru tal-Ġustizzja Ungeriż fejn jiddikjaraw li l-Liġi tikser d-drittijiet li ġejjin: id-dritt għall-ħajja privata u tal-familja (l-Artikoli 7 u 9 tal-Karta); id-dritt għal-libertà tal-espressjoni u tal-informazzjoni (l-Artikolu 11 tal-Karta); il-libertà tal-intrapriża (l-Artikolu 16 tal-Karta); u n-nondiskriminazzjoni (l-Artikolu 21 tal-Karta); billi d-Direttiva dwar is-Servizzi tal-Media Awdjoviżiva ("AVMSD"),¹⁶ id-Direttiva dwar il-Kummerċ Elettroniku¹⁷ u l-Artikolu 56 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) huma applikabbli għal mill-inqas uħud mix-xenarji regolati u l-Artikoli 34 u 36 tat-TFUE jistgħu jkunu applikabbli u miksura wkoll mid-dispożizzjonijiet ikkontestati tal-Liġi; billi ntalbet tweġiba għal din l-ittra qabel it-

¹⁵ https://ec.europa.eu/commission/presscorner/detail/mt/statement_21_3164

¹⁶ ĠU L 303, 28.11.2018, p. 69.

¹⁷ ĠU L 178, 17.7.2000, p. 1.

30 ta' Ġunju 2021¹⁸; billi l-Ministru Ungeriż għall-Ġustizzja wieġeb fl-1 ta' Lulju 2021;

- J. billi 18-il Stat Membru¹⁹ ffirmaw flimkien dikjarazzjoni li tistieden lill-Kummissjoni tuża l-għodod kollha għad-dispożizzjoni tagħha biex tiżgura rispett sħiħ għal-liġi tal-UE, inkluż billi tirreferi l-kwistjoni lill-QĠUE;
- K. billi 17-il Kap ta' Stat jew gvern adottaw dikjarazzjoni konġunta fl-24 ta' Ġunju 2021 li tiddikjara li se jkomplu jiġġieldu kontra d-diskriminazzjoni fil-konfront tal-komunità LGBTIQ, fejn affermaw mill-ġdid id-difiża tagħhom tad-drittijiet fundamentali tal-persuni LGBTIQ²⁰;
- L. billi l-Kummissarju għad-Drittijiet tal-Bniedem tal-Kunsill tal-Ewropa ħeġġet lill-membri tal-Parlament Ungeriż jirrifjutaw l-Abbozz; billi hija sostniet li l-Abbozz kien insult għad-drittijiet u l-identitajiet tal-persuni LGBTIQ u li dan jillimita wkoll il-libertà tal-espressjoni u tal-edukazzjoni tal-Ungeriżi kollha²¹;
- M. billi skont ir-Rakkomandazzjoni CM/Rec(2010)5 tal-Kumitat tal-Ministri tal-Kunsill tal-Ewropa lill-Istati membri dwar miżuri għall-ġlieda kontra d-diskriminazzjoni bbażata fuq l-orjentazzjoni sesswali jew l-identità tal-ġeneru, il-mexxejja tal-Istati membri tal-Kunsill tal-Ewropa għandhom ir-responsabbiltà li jedukaw, jiġġieldu l-preġudizzji u d-diskriminazzjoni u jaħdmu għall-aċċettazzjoni ta' persuni LGBTIQ.
- N. billi l-QEDB iddeċidet fil-Kawża Bayev *et vs* Ir-Russja li leġiżlazzjoni li tipprojbixxi l-promozzjoni tal-omosesswalità, magħrufa wkoll bħala l-"liġi dwar il-propaganda omosesswali" kienet bi ksur tal-Artikolu 10 (libertà tal-espressjoni) u tal-Artikolu 14 (projbizzjoni tad-diskriminazzjoni) tal-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem, u għalhekk kienet diskriminatorja, u li kienet issaħħaħ il-preġudizzju fil-konfront tal-persuni LGBTIQ, li huwa inkompatibbli mal-valuri ta' soċjetà demokratika;
- O. billi l-Parlament ħeġġeġ lill-Istati Membri f'diversi okkażjonijiet biex jiggerantixxu d-dritt għal edukazzjoni komprensiva dwar is-sesswalità, is-sess u r-relazzjonijiet li tkun xjentifikament preċiża, ibbażata fuq l-evidenza, xierqa għall-età u mingħajr ebda ġudizzju; billi l-korpi internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem²² bħall-Kunsill tal-Ewropa stabbilew li t-tfal u ż-żgħażaġh għandhom id-dritt li jirċievu edukazzjoni komprensiva dwar is-sesswalità.
- P. billi l-Istħarriġ dwar l-LGBTI tal-FRA jissottolinja li aktar minn nofs ir-rispondenti dejjem jew ta' spiss semgħu jew raw kummenti jew imġiba negattivi matul iż-żmien li qattgħu fl-iskola minħabba li xi ħadd mill-klassi kien perċepit li huwa LGBTI; billi dan in-numru jidied għal 70 %għar-rispondenti ta' bejn il-15 u s-17-il sena, li jenfasizza l-

¹⁸<https://ec.europa.eu/commission/presscorner/api/files/attachment/869254/Letter%20by%20Commissioners%20Reynders%20and%20Breton.pdf>

¹⁹ Il-Belġju, id-Danimarka, l-Estonja, il-Finlandja, Franza, il-Ġermanja, l-Irlanda, il-Litwanja, il-Lussemburgu, in-Netherlands, Spanja, l-Iżvezja, il-Latvja, l-Italja, il-Greċja, L-Awstrija, Ċipru u l-Portugall,

²⁰ <https://twitter.com/alexanderdecroo/status/1407977290189971457?s=20>

²¹ <https://www.coe.int/be/web/commissioner/-/commissioner-mijatovic-urges-hungary-s-parliamentarians-to-reject-draft-amendments-banning-discussion-about-sexual-and-gender-identity-and-diversity>

²² [Il-Konvenzjoni dwar id-Drittijiet tat-Tfal](#), [il-Konvenzjoni dwar l-Eliminazzjoni ta' Kull Forma ta' Diskriminazzjoni kontra n-Nisa](#), [Rapport tar-Rapporteur Speċjali tan-NU dwar id-Dritt għall-Edukazzjoni](#).

ħtieġa li l-aċċettazzjoni u t-tolleranza jiġu indirizzati f'kuntesti edukattivi;

Il-Liġi, id-dispożizzjonijiet tagħha u l-ksur tad-dritt tal-UE

1. Jikkundanna bl-aktar mod qawwi possibbli l-Liġi adottata mill-Parlament Ungeriż, li tikkostitwixxi ksur ċar tal-valuri, tal-prinċipji u tad-dritt tal-UE; ifakkar li, il-Liġi se ddaħħal dispożizzjonijiet f'Atti Ungeriżi differenti li jiksru d-drittijiet fundamentali skont il-Karta u t-Trattati u l-leġiżlazzjoni tal-UE dwar is-suq intern (AVMSD) u d-Direttiva dwar il-Kummerċ Elettroniku); iqis li l-Liġi tikser l-*acquis* stabbilit tal-UE;
2. Jilqa' d-dikjarazzjoni ffirmata minn 18-il Stat Membru li tistieden lill-Kummissjoni tieħu azzjoni legali u l-kundanna tal-Abbozz ta' Liġi mill-President tal-Kummissjoni u minn kummissarji individwali; jieħu nota tal-ittra mibgħuta lill-Ministru tal-Ġustizzja Ungeriż li titlob kjarifika u informazzjoni dwar il-punti mqajma sat-30 ta' Ġunju 2021; jistieden lill-Kummissjoni tagħmel din it-tweġiba pubblika;
3. Jieħu nota tal-appell tal-Kummissjoni għal dibattitu kostruttiv u leali mal-Ungerija; jiddispjaċih li l-Liġi ġiet, madankollu, ippromulgata fit-23 ta' Ġunju 2021, minkejja r-reazzjonijiet ta' għadab minn organizzazzjonijiet internazzjonali; jistieden lill-Kummissjoni tieħu azzjoni legali minnufih, b'mod partikolari billi tnedi proċedura aċċellerata ta' ksur kontra l-Ungerija fis-sens tal-Artikolu 258 tat-TFUE fir-rigward tal-Liġi; jistieden lill-Kummissjoni tuża l-għodod proċedurali kollha tal-Qorti tal-Ġustizzja, jekk ikun meħtieġ, inklużi t-talbiet għal proċedura mħaffa u għal miżuri provviżorji, inklużi penali għal nuqqas ta' konformità ma' dawn tal-aħħar;
4. Ifakkar li, f'konformità mal-Artikolu 259 tat-TFUE, Stat Membru li jqis li Stat Membru ieħor naqas milli jissodisfa obbligu skont it-Trattati jista' jressaq il-kwistjoni quddiem il-QĠUE; jistieden lill-Istati Membri biex jiskattaw dan l-artikolu fir-rigward tal-Liġi adottata jekk il-Kummissjoni ma tiħux azzjoni; jistieden lill-Istati Membri jippreżentaw rikors interstatali lill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fir-rigward tal-aspetti mhux koperti mil-liġi tal-UE;

Il-proċeduri li għaddejjin fis-sens tal-Artikolu 7(1)

5. Jisħaq li l-Liġi mhijiex eżempju iżolat, iżda pjuttost tikkostitwixxi eżempju intenzjonat u premeditat ieħor taż-żarmar gradwali tad-drittijiet fundamentali fl-Ungerija; jisħaq li l-kampanji ta' fobija fil-konfront tal-LGBTIQ u ta' diżinformazzjoni organizzati u promossi mill-Istat saru għodod għaċ-ċensura politika mill-Gvern Ungeriż u jqis li dan jikser l-Artikolu 2 tat-TUE; ifakkar li l-Unjoni Ewropea ġiet iddikjarata bħala Żona ta' Libertà LGBTIQ²³;
6. Ifakkar li l-ksur tad-drittijiet tal-bniedem tal-persuni LGBTIQ huwa parti minn aġenda politika akbar li qed twassal għaż-żarmar tad-demokrazija u tal-istat tad-dritt, inkluża l-libertà tal-media, u għandu jitqies bħala ksur sistemiku tal-Artikolu 2 tat-TUE; ifakkar li r-risoluzzjoni tal-Parlament tat-12 ta' Settembru 2018²⁴ diġà esprimiet tħassib dwar id-dritt għal trattament ugwali u għal-libertà tal-espressjoni;

²³ Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew dwar il-proklamazzjoni tal-UE bħala Żona ta' Libertà LGBTIQ.

²⁴ [Testi adottati, P8_TA\(2018\)0340](#).

7. Jesprimi tħassib qawwi li minn meta l-Parlament skatta l-Artikolu 7(1), is-sitwazzjoni tal-istat tad-dritt u tad-drittijiet fundamentali kompliet tiddeterjora fl-Ungerija; jenfasizza n-nuqqas ta' azzjoni u responsabbiltà tal-Kunsill f'dan ir-rigward matul is-snin;
8. Jilqa' l-fatt li l-Presidenza Portugiża organizzat l-ewwel seduta ta' smiġh dwar l-Artikolu 7(1) dwar l-istat tad-dritt fl-Ungerija mill-2019, kif ukoll id-dikjarazzjonijiet minn 18-il Stat Membru li kkundannaw il-Liġi; jisħaq, madankollu, li d-djalogu jrid jipproduċi eżitu tanġibbli f'termini ta' azzjonijiet sabiex jindirizza b'mod attiv l-eżempji ta' deterjorament tad-drittijiet fundamentali fl-Ungerija; itenni l-appell tiegħu lill-Kunsill biex jagħti rakkomandazzjonijiet konkreti lill-Ungerija, kif stipulat fl-Artikolu 7(1) tat-TUE, inkluża rakkomandazzjoni biex tiġi rrevokata l-Liġi, u biex jagħti skadenzi għall-implimentazzjoni ta' dawk ir-rakkomandazzjonijiet; jistieden lill-Presidenza Slovena torganizza seduta ta' smiġh dwar l-Ungerija f'Settembru 2021 u ttejjji votazzjoni dwar ir-rakkomandazzjonijiet mill-aktar fis possibbli; jinnota li d-drittijiet tal-bniedem tal-persuni LGBTIQ qed jiffaċċjaw żarmar gradwali matul dawn l-aħħar snin
9. Ifakkar li fit-2 ta' Marzu 2021, il-Kunsill tal-Media Ungeriż ħabbar li se jniedi proċedimenti legali kontra l-grupp tal-media Ungeriż RTL, wara li xandar il-kampanja "Il-Familja hija l-Familja"; iqis li dawn l-azzjonijiet jikkostitwixxu ċ-ċensura tal-kontenut tal-media u r-reklamar u għalhekk jiksru l-AVMSD; jisħaq li għadd ta' xandara madwar l-UE flimkien ma' organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili talbu lill-Kummissjoni biex tibda proċeduri ta' ksur²⁵; jistieden lill-Kummissjoni tuża l-għodod legali kollha għad-dispozzjoni tagħha biex tindirizza ċ-ċensura ta' materjal li jkun konformi mal-AVMSD, meħuda flimkien mal-Karta;
10. Jesprimi tħassib serju dwar il-fatt li d-deterjorament tal-libertà tal-media qed iwassal għal żieda fl-għoti tat-tort lill-minoranzi u fl-attakki fuqhom, inkluż tal-persuni LGBTIQ
11. Ifakkar li l-Liġi Fundamentali (il-Kostituzzjoni) tal-Ungerija ġiet emendata f'Diċembru 2020 biex tispeċifika li l-omm hija mara u l-missier huwa raġel u li l-Ungerija tipproteġi d-dritt tat-tfal li jstabilixxu l-identità tagħhom f'konformità mas-sess tat-twelid tagħhom, u d-dritt tagħhom għal edukazzjoni skont l-identità kostituzzjonali u s-sistema ta' valuri tal-pajjiż bbażata fuq il-kultura Kristjana; jinnota li minkejja li l-liġi tal-familja hija kompetenza nazzjonali, l-emendar tal-kostituzzjoni b'dan il-mod, flimkien mal-leġiżlazzjoni ta' segwitu, inkluża l-Liġi, jirriżulta fi tnaqqis dirett fil-protezzjoni tal-valuri stipulati fl-Artikolu 2 tat-TUE; jinnota li l-Kummissjoni ta' Venezja adottat opinjoni dwar l-emendi kostituzzjonali adottati mill-Parlament Ungeriż f'Diċembru 2020²⁶;

²⁵ ACT, Hungary: Broadcasting associations across Europe express dismay at anti-LGBTIQ bill & urge European Commission to open infringement proceedings, Brussels, 29 June 2021. (L-Ungerija: L-assoċjazzjonijiet tax-xandir madwar l-Ewropa jesprimu dispaċir dwar l-abbozz ta' liġi kontra l-LGBTIQ u jħeġġu lill-Kummissjoni Ewropea tnedi proċedimenti ta' ksur, Brussell, id-29 ta' Ġunju 2021.)

²⁶ [Hungary - Opinion on the constitutional amendments adopted by the Hungarian parliament in December 2020, adopted by the Venice Commission at its 127th Plenary Session, Venice and online, 2-3 July 2021 \(CDL-](#)

12. Ifakkar li fit-18 ta' Ġunju 2013, il-Kummissjoni ta' Venezja adottat l-opinjoni CDL-AD (2013)022-e dwar il-kwistjoni tal-hekk imsejħa "propaganda tal-omosesswalità: fid-dawl ta' leġislazzjoni riċenti adottata minn xi Stati membri tal-Kunsill tal-Ewropa;
13. Ifakkar li l-leġislazzjoni ġiet adottata mill-Parlament Ungeriż li għandha bħala effett ir-restrizzjoni tal-adozzjoni għal koppji miżżewġin, li *de facto* tipprojbixxi l-adozzjoni għal persuni li jgħixu f'unjoni omosesswali u individwi waħedhom u mhux miżżewġin, sakemm ma jingħatax permess speċjali mill-Ministru għall-Politika tal-Familja; jisħaq li r-rekwiżit tal-aħħar jagħti lil membru tal-Gvern il-kapaċità li jieħu deċiżjonijiet unilaterali f'dan ir-rigward;
14. Ifakkar li l-adozzjoni tal-Artikolu 33 tal-Att Omnibus tal-2020 tipprojbixxi *de facto* r-rikonossiment legali tal-ġeneru għal persuni transġeneru u intersesswali fl-Ungerija, u b'hekk tikser id-dritt tagħhom għall-privatezza u tesponihom għal diskriminazzjoni u b'hekk jista' jkollha effetti psikoloġiċi severi u tista' tillimita d-dritt tagħhom li jipparteċipaw b'mod attiv fis-soċjetà ċivili; jinnota li l-Awtorità Nazzjonali għall-Protezzjoni tad-Data u l-Libertà tal-Informazzjoni ħarġet opinjoni dwar l-Artikolu 33, fejn argumentat li dan jikser l-Artikolu 5(1)(d) tar-Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data²⁷; ifakkar li sa issa l-Kummissjoni ma ħadet l-ebda azzjoni biex tindirizza din il-kwistjoni; jistieden lill-Kummissjoni tinvestiga l-kwistjoni u tiegħu azzjoni legali, jekk ikun meħtieġ; jinnota li għalkemm il-Qorti Kostituzzjonali tal-Ungerija²⁸ kkonstatat partijiet mil-liġi kienu antikostituzzjonali, l-awtoritajiet pubbliċi għadhom ma implimentawx id-deċiżjoni tal-qorti u qed ikomplu jirrifjutaw applikazzjonijiet anki jekk ġew ippreżentati qabel id-dħul fis-seħħ tal-Liġi; jinnota li dan jikkostitwixxi ksur tal-istat tad-dritt;
15. Jikkundanna d-deċiżjoni ta' awtorità għall-protezzjoni tal-konsumatur f'Budapest²⁹ li tordna lill-pubblikaturi tal-kotba biex jistampaw dikjarazzjonijiet ta' ċaħda ta' responsabbiltà fuq kotba tat-tfal li fih familji qawsalla, peress li fih "imġiba inkonsistenti mar-rwoli tradizzjonali tal-ġeneru";
16. Jesprimi tħassib qawwi dwar l-ispazju dejjem jonqos għall-organizzazzjonijiet mhux governattivi (NGOs) fl-Ungerija, inklużi l-NGOs tal-LGBTI; jilqa' s-sentenza tal-QĠUE fil-Kawża C-78/18³⁰ li tiddikjara li l-Liġi Nru LXXVI tal-2017 dwar it-

[AD\(2021\)029-e](#). (L-Ungerija - Opinjoni dwar l-emendi kostituzzjonali adottati mill-Parlament Ungeriż f'Diċembru 2020, adottata mill-Kummissjoni ta' Venezja fil-127 Sessjoni Plenarja tagħha, Venezja u online, 2-3 ta' Lulju 2021(CDL-AD (2021) 029-e)).

²⁷ Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar tad-data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1.

²⁸<http://public.mkab.hu/dev/dontesek.nsf/0/CB4CA4E8F72D33DFC125863A00604976?OpenDocument>. Is-sommarju bl-Ingliż huwa disponibbli fuq

<http://public.mkab.hu/dev/dontesek.nsf/0/CB4CA4E8F72D33DFC125863A00604976?OpenDocument&english&english>

²⁹ <https://www.kormanyhivatal.hu/hu/budapest/hirek/tisztess egtelen-kereskedelmi-gyakorlatot-folytat-a-labrisz-egyesulet-a-meseorszag-mindenkie-cimu-konyv-ertesitesekor>.

³⁰ Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tat-18 ta' Ġunju 2020, *Il-Kummissjoni Ewropea vs L-Ungerija*, C-78/18, ECLI:EU:C:2012:476.

Trasparenza ta' Organizzazzjonijiet li jirċievu Appoġġ minn Barra l-Pajjiż introduċiet restrizzjonijiet diskriminatorji u mhux ġustifikati fuq donazzjonijiet barranin lil organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, bi ksur tal-obbligi tal-Ungerija rigward il-moviment liberu tal-kapital, ir-rispett għall-ħajja privata, il-protezzjoni tad-data personali u l-libertà ta' assoċjazzjoni; jinnota r-revoka ta' dik il-liġi, iżda jqajjem tħassib dwar limitazzjonijiet ġodda għall-finanzjament tas-soċjetà ċivili fl-Ungerija, bħall-awditi selettivi mill-Uffiċċju tal-Awditjar tal-Istat u l-obbligu li jiġu indikati d-donaturi kollha frapporti pubbliċi dwar il-benefiċċji li huwa disponibbli għall-pubbliku; jemmen li tali limitazzjonijiet la huma meħtieġa u lanqas proporzjonati, u ma jikkonformawx mal-ġurisprudenza tal-QĠUE, kif ukoll mal-konklużjonijiet tar-rapport dwar il-finanzjament tal-assoċjazzjonijiet, adottat mill-Kummissjoni ta' Venezia fil-118 sessjoni plenarja tagħha tal-15 sas-16 ta' Marzu 2019;

17. Jiddikjara l-impenn sod tiegħu li jiddefendi d-drittijiet tat-tfal fl-UE u lil hinn minnha; jassumi l-pożizzjoni li l-promozzjoni tat-tolleranza, tal-aċċettazzjoni u tad-diversità, aktar milli l-promozzjoni tal-fobija u tal-mibegħda fil-konfront tal-LGBTIQ, għandhom iservu bħala prinċipji gwida biex jiġi żgurat ir-rispett għall-aħjar interessi tat-tfal; iqis f'dak ir-rigward li l-ikkombinar tal-orjentazzjoni sesswali u tal-identità tal-ġeneru mal-pedofilija jew mal-attakki fuq id-drittijiet tat-tfal, juru tentattiv ċar biex il-lingwa tad-drittijiet tal-bniedem tiġi strumentalizzata sabiex jiġu ppromulgati politiki diskriminatorji; iqis li dan imur kontra l-prinċipji u n-normi internazzjonali tad-drittijiet tal-bniedem;
18. Jesprimi tħassib dwar il-fatt li l-Liġi Ungeriża tixbah lill-hekk imsejħa liġi dwar il-propaganda LGBT tar-Russja tal-2013, li rriżultat fi ħsara serja għall-komunità LGBTIQ fir-Russja; jistieden lill-Kummissjoni tkompli tinvestiga l-finanzjament ta' kampanji kontra l-LGBTIQ fl-UE, li b'mod ċar huma ta' theddida għad-demokrazija u għas-sigurtà nazzjonali fl-UE;

Azzjoni li jeħtiġilha tiegħu l-Kummissjoni

19. Itenni l-appelli tiegħu lill-Kummissjoni u lill-Kunsill biex finalment jirrikonoxxu l-ħtieġa urġenti għal azzjoni biex jiddefendu l-valuri minquxa fl-Artikolu 2 tat-TUE u biex jammettu li Stat Membru ma jistax jemenda l-leġiżlazzjoni tiegħu, inklużi d-dispożizzjonijiet kostituzzjonali, b'tali mod li dan iwassal għal tnaqqis fil-protezzjoni ta' dawn il-valuri³¹; jindika li dan huwa pprojbit fit-Trattati, kif interpretati reċentement mill-QĠUE fil-Kawża C-896/19³²;
20. Huwa tal-fehma li l-Liġi tikkontradixxi direttament l-istrateġija tal-Kummissjoni għall-ugwaljanza tal-LGBTIQ; iħeġġeġ lill-Kummissjoni tiżgura li l-istrateġija tiġi implimentata b'mod ugwali f'kull Stat Membru fl-UE;
21. Jistieden lill-Kunsill u lill-Kummissjoni biex b'mod urġenti jiżblokkaw id-Direttiva dwar id-Diskriminazzjoni Orizzontali fil-Kunsill, li ilha blokkata għal aktar minn

³¹ Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tal-10 ta' Ġunju 2021 dwar is-sitwazzjoni tal-Istat tad-Dritt fl-Unjoni Ewropea u l-applikazzjoni tar-Regolament 2020/2092 dwar il-kondizzjonalità (EU, Euratom).

³² Is-sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-20 ta' April 2021, *Repubblika vs Il-Prim Ministru*, C-896/19, ECLI:EU:C:2021:311.

10 snin³³;

22. Ifakkar li għadha ma ngħatat l-ebda tweġiba xierqa għall-inizjattiva tal-Parlament dwar l-istabbiliment ta' mekkaniżmu tal-UE dwar id-demokrazija, l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali li għandu jkun irregolat minn ftehim interistituzzjonali bejn il-Parlament, il-Kummissjoni u l-Kunsill; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill jidħlu immedjatament f'negozjati mal-Parlament dwar ftehim interistituzzjonali skont l-Artikolu 295 tat-TFUE;
23. Itenni l-pożizzjoni tiegħu dwar ir-Regolament dwar il-Kondizzjonalità tal-Istat tad-Dritt, li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2021 u li huwa direttament applikabbli fl-intier tiegħu fl-Unjoni Ewropea u fl-Istati Membri kollha tagħha għall-fondi kollha tal-baġit tal-UE, inklużi r-riżorsi allokati permezz tal-Istrument tal-Unjoni Ewropea għall-Irkupru minn dak iż-żmien 'l hawn;
24. Ifakkar li r-Regolament tal-Kondizzjonalità tal-Istat tad-Dritt jipprovdi definizzjoni ċara tal-istat tad-dritt, li trid tinftiehem fir-rigward tal-valuri l-oħra tal-Unjoni, inklużi d-drittijiet fundamentali u n-nondiskriminazzjoni; huwa tal-fehma li d-diskriminazzjoni promossa mill-Istat kontra l-minoranzi għandha impatt dirett fuq il-proġetti li fuqhom l-Istati Membri jiddeċiedu li jonfqu l-flus tal-UE, u għalhekk taffettwa direttament il-protezzjoni tal-interessi finanzjarji tal-Unjoni; jistieden lill-Kummissjoni tiskatta minnufih il-proċedura prevista fl-Artikolu 6(1) tar-Regolament dwar il-Kondizzjonalità tal-Istat tad-Dritt;
25. Jemmen li l-kapaċità tal-awtoritajiet Ungeriżi li jimmaniġġjaw il-fondi tal-UE mingħajr diskriminazzjoni u f'konformità mal-Karta hija ferm dubbjuża; jistieden lill-Kummissjoni sabiex tivvaluta l-adozzjoni tal-Liġi b'rabta mal-kundizzjoni abilitanti orizzontali sabiex tkun żgurata konformità mal-Karta tar-Regolament (UE) 2021/1060 tal-Parlament u tal-Kunsill tal-24 ta' Ġunju 2021 li jistipula dispożizzjonijiet komuni dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, il-Fond Soċjali Ewropew Plus, il-Fond ta' Koeżjoni, il-Fond għal Tranżizzjoni Ġusta u l-Fond Ewropew għall-Affarijiet Marittimi, is-Sajd u l-Akkwakultura u r-regoli finanzjarji għalihom u għall-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni, il-Fond għas-Sigurtà Interna u l-Istrument għal Appoġġ Finanzjarju għall-Ġestjoni tal-Fruntieri u l-Politika dwar il-Viżi³⁴ (ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni); jistieden lill-Kummissjoni tiegħu l-passi previsti skont ir-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni għan-nefqa relatata mal-fondi rilevanti u tiżgura li l-ftehim ta' sħubija u l-programmi tal-2021-2027 għall-Ungerija ma jiġux approvati sakemm ma tiġix żgurata l-konformità sħiħa mal-kundizzjoni orizzontali abilitanti relatata mar-rispett tal-Karta, kif previst skont l-Artikoli tar-Regolament dwar Dispożizzjonijiet Komuni; ifakkar li kwalunkwe att tal-Kummissjoni li ma jikkonformax mal-liġi tal-UE jista' jitressaq quddiem il-QĠUE;
26. Jesprimi tħassib serju dwar il-konformità tal-abbozz tal-Pjan Ungeriż għall-Irkupru u r-Reżiljenza mar-Regolament (UE) 2021/241 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-

³³ Il-proposta tat-2 ta' Lulju 2008 għal Direttiva tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' trattament ugwali bejn il-persuni irrispettivament mir-reliġjon jew it-twemmin, id-diżabilità, l-età jew l-orjentazzjoni sesswali (COM(2008)0426).

³⁴ ĠU L 231, 30.6.2021, p. 159.

12 ta' Frar 2021 li jistabbilixxi l-Faċilità għall-Irkupru u r-Reziljenza³⁵ u mal-Karta; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Kunsill janalizzaw bir-reqqa kull miżura deskritta fl-abbozz tal-tal-Pjan Ungeriż għall-Irkupru u r-Reżiljenza u japprovaw il-pjan biss jekk jiġi stabbilit li dan ma jkunx se jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-Liġi, u sussegwentement iwassal biex il-baġit tal-UE jikkontribwixxi b'mod attiv għall-ksur tad-drittijiet fundamentali fl-Ungerija;

27. Ifakkar li d-drittijiet tal-LGBTIQ huma drittijiet tal-bniedem; jerġa' jafferma l-appell tiegħu biex iħeġġeġ lill-Istati Membri, b'mod partikolari lill-Ungerija, biex jiżguraw li l-leġislazzjoni eżistenti dwar l-edukazzjoni u l-informazzjoni disponibbli għall-minorenni tikkonforma bis-sħiħ mad-drittijiet fundamentali minquxa fl-liġi tal-UE u f'dik internazzjonali u biex jiżguraw aċċess għal edukazzjoni komprensiva dwar is-sesswalità u r-relazzjonijiet li tkun xjentifikament preċiża, ibbażata fuq l-evidenza, xierqa għall-età u ħielsa minn kull ġudizzju; ifakkar li informazzjoni ppubblikata għandha tirrifletti d-diversità tal-orjentazzjonijiet sesswali, tal-identitajiet tal-ġeneru, tal-espressjonijiet u tal-karatteristiċi tas-sess, sabiex tiġi miġġielda l-miżinformazzjoni bbażata fuq l-isterjotipi jew il-preġudizzji; jistieden lill-Kummissjoni tiegħu l-passi kollha meħtieġa sabiex tiżgura konformità mad-drittijiet fundamentali fl-Ungerija; jistieden lill-istituzzjonijiet tal-UE u lill-Istati Membri jitkellmu kontra d-diskors ta' mibegħda u fobija fil-konfront tal-LGBTIQ, speċjalment mill-gvernijiet u mill-politiċi;

o

o o

28. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu sabiex jgħaddi din ir-risoluzzjoni lill-gvernijiet u lill-parlamenti tal-Istati Membri, lill-Kunsill, lill-Kummissjoni u lill-Kumitat tar-Regġuni.

³⁵ ĠU L 57, 18.2.2021, p. 17.